**8 ta' Frar, 1957**

**Imħallfin:—**

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;
Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

**Alfred Tonna et. *versus* Carmela Bugeja et.**

## Ripetizzjoni ta' Indebitu — Żball — Prova — Art. 1064, 1065 u 1066 tal-Kap. 323.

*Mhix ammessa l-azzjoni ta' ripetizzjoni ta' indebitu jekk min għamel il-ħlas kien obligat iħallas ċivilment jew naturalment.*

*Wieħed mir-rekwiżiti, mbgħad, tal-indebitu huwa l-iżball fis-"solvens". Min jirċievi l-ħlas jista' jagħmel hekk tant xjentement kemm bi żball; iżda min iħallas għandu tabilfors ikun fi żball, biex tista' tikkompeti lilu l-azzjoni ta' ripetizzjoni ta' dak li huwa jkun ħallas indebitament; u hu evidenti li l-fondament ta' din l-azzjoni huwa l-iżball f'min ikun ħallas — żball li minnu ma għandux japprofitta ruħu min ikun irċieva l-ħlas. Iżda jekk ma ssirx il-prova ta' dak l-iżball fis-"solvens", u b'mod speċjali jekk issir il-prova li dak is-"solvens" kien jaf biċ-ċirkustanzi li mħabba fihom ma kienx tenut għall-ħlas, allura ma għandux dritt għar-ripetizzjoni ta' dak li ħallas. F'dan il-każ, min ikun ħallas ma jistax jilmenta bir-raġun; u jekk kellu xi dannu, "imputet sibi".*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-atturi, premessa kwalunkwe dikjarazzjoni u provvediment opportun, billi b'kuntratt fl-attijiet tan-Nutar Dr. Anthony Attard fl-20 ta' Settembru 1949 il-konvenuti, għall-kwota tagħhom flimkien u "in solidum", ikkonċedew u ttrasferew b'titolu ta' enfitewsi perpetwa lill-atturi, li flimkien u "in solidum", bl-istess titolu ta' enfitewsi perpetwa, aċċettaw u akkwistaw, parti mhux maqsuma mill-għalqa li qegħedha fil-limiti tal-Imsida, f'Misida Valley (ġa' Strada Vallone Via Birchir-

chara), imsejħa "Il-Gnien" sive "ta' Mula" sive "ta' Perez", tal-kejl superfiċjali din il-biċċa għalqa ta' ċirka tliet itmien, żewġ sigħan u ħames parti ta' kejla, u 855 u kwint qasab kwadri, bil-konfini kif indikati fl-istess kuntratt; u li l-atturi ppromettew u obligaw ruħhom li jagħmlu fuq il-biċċa għalqa fuq deskritta benefikati stabili u permanenti tal-valur mhux anqas minn £500, fi żmien sentejn li jibdew mill-jum li l-enfitewti jieħdu l-pussess tal-għalqa fuq indikata, bid-dritt tal-lawdemju kif indikat fil-kuntratt; l-enfitewti ma jkunux jistgħu jittrasferixxu ebda parti bla rata ta' ċens, u pattijiet oħra ndikati fl-istess kuntratt;

U billi fuq il-porzjoni fuq indikata l-atturi għandhom iħallsu ċ-ċens ta' £96.4.2½, li jibda jgħaddi minn xahar wara meta l-preżenti nkwilin Giuseppe Debono, tal-biċċa fuq deskritta, jirrilaxxja din l-istess biċċa għalqa; liema ċens jitħallas kull sitt xhur b'lura, skond l-imsemmi kuntratt fl-attijiet tan-Nutar Attard tal-20 ta' Settembru 1949, li ġie eżibit wara l-mandat ta' sekwestru tat-18 ta' Marzu 1953, li tiegħu qegħedha tiġi eżibita kopja dok. "X"; u billi l-atturi, kif jidher mill-anness dok. "A", eżibit b'animu li jiġi ritirat, ħallsu ċ-ċens tal-imsemmija biċċa għalqa mill-1 ta' Gunju 1950 sal-aħħar ta' Mejju 1952, non ostante li skond il-kuntratt ma kienx imissu jitħallas, għaliex Giuseppe Debono għadu l-lum jagħmel użu mhux mill-biċċa għalqa speċifikata biss, imma mill-għalqa kollha, u għal-hekk, billi għadu skond il-kuntratt ma rrilaxxjax l-istess għalqa lill-atturi, dawn ma kellhomx iħallsu l-imsemmi ċens, u b'dana ġew nfurmati b'ittra uffiċjali taż-17 ta' Jannar 1953;

Talbu li l-konvenuti jiġu kundannati jirrestitwixxu u jagħtu lura s-sommom kollha ġa lilhom imħallsin tal-imsemmija biċċa għalqa, ċjoè s-somma ta' £192.8.4, li ġew lilhom imħallsa skond l-imsemmi dok. "A"; u li jiġi revokat il-mandat ta' sekwestru magħmul mill-konvenuta Carmela armla minn Pasquale Bugeja, f'isimha proprju u bħala użufruttwarja tal-assi ereditarju ta' żewġha, u dan għaliex

ma għandhiex dritt tiegħu din is-somma qabel ir-rilaxx talimsemmija biċċa għalqa mid-detentur attwali Giuseppe Debono, anki, okkorrendo, għaliex fl-imsemmi mandat ta' sekwestru huwa ndikat ħażin l-isem tan-nutar, għaliex intqal illi għandha tiegħu din is-somma in forza ta' kuntratt li ġie magħmul *fl-20 ta' Settembru 1949* fl-attijiet tan-Nutar Edoardo Calleja Schembri, mentri ġie magħmul fl-attijiet tan-Nutar Anthony Attard, u billi magħmul ukoll fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mentri kien imissu, se maj, magħmul fil-Qorti tal-Kummerċ, billi l-atturi, li bejniethom hemm soċjetà kummerċjali edilizja, kif jirriżulta mill-kawża "*Anthony Lia vs. P.L. Joseph Diacono et.*", deċiża *mill-*Qorti tal-Appell fis-16 ta' Gunju 1952, li għaliha tingħamel ampja riferenza, huma kummerċjanti; salva kwalunkwe azzjoni ta' danni skond il-liġi, minħabba li ġiet mitluba l-ispedizzjoni tal-imsemmi mandat ta' sekwestru vessatorjament. Bl-imgħax kummerċjali, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-*ittra uffiċjali taż-17 ta' Jannar 1953*;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-28 ta' Gunju 1954, li biha ddikjarat null il-mandat tas-sekwestru fuq imsemmi, maħruġ mill-Qorti Ċivili fit-18 ta' Marzu 1953, peress li *dik il-Qorti kienet inkompetenti skond il-liġi, u* konsegwentement laqgħet it-tieni domanda dedotta fiċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż kontra l-konvenuta Carmela Bugeja, u ddifferiet il-kawża għall-kontinwazzjoni fuq l-ewwel domanda;

Rat is-sentenza l-oħra mogħtija minn dik il-Qorti fl-14 ta' Gunju *1956*, li biha l-konvenuti *ġew liberati mill-*osservanza tal-ġudizzju rigward l-ewwel domanda, bl-ispejjeż, salva lill-atturi kull azzjoni oħra talvolta kompetenti; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi l-atturi qegħedin jitolbu r-rifużjoni tas-somma ta' £192.8.4, ċens imħallas lill-konvenuti, għaliex skond l-imsemmi kuntratt *tal-20* ta' Settembru *1949* dak iċ-ċens ma kienx imissu jitħallas ladarba Giuseppe Debono, il-gabil-

lott tal-art suġġetta għal dak iċ-ċens, għadu ma rrilaxxjax l-art lill-atturi, u għalhekk, kif spjegat fid-dikjarazzjoni talistess atturi, fol. 3, huma ħallsu dik is-somma indebitament; jiġifieri l-atturi qegħdin jeżerċitaw l-azzjoni ta' ripetizzjoni ta' indebitu preveduta mill-art. 1064, 1065 u 1066 tal-Kodiċi Ċivili. Għal dina l-pretensjoni l-konvenuti opponew illi l-atturi ħallsu dik is-somma meta kienu jafu illi r-rilaxx tal-għalqa, skond ma jippretendu huma, kien għadu ma sarx, u konsegwentement ma hemmx il-figura tal-indebitu;

Illi bis-saħħa tal-imsemmi kuntratt tal-20 ta' Settembru 1949 l-atturi ħadu minn għand il-konvenuti, b'titolu ta' enfitewsi perpetwa, il-biċċa art deskritta fiċ-ċitazzjoni biċ-ċens ta' £96.4.2½ fis-sena, li kellu jibda jgħaddi minn xahar li l-gabillott tal-istess art, Giuseppe Debono, jirrilaxxja dik l-art favur l-atturi. Evidentement, dan il-patt ma jikkostitwix obligazzjoni kondizzjonali, imma obligazzjoni "a termine"; difatti, biex l-obligazzjoni tkun kondizzjonali, jeħtieġ, skond l-art. 1095 tal-Kodiċi Ċivili, li "tkun magħmula tiddependi minn ġrajja 'mhux żgura' li għad trid tiġri", jiġifieri li l-eżistenza tagħha tiddependi minn avveniment futur u inċert; u sakemm dak l-avveniment ma javverax ruħu, l-obligazzjoni ma jkollhiex eżistenza ġuridika;

Fil-każ taħt eżami, però, l-obligazzjoni, għalkemm tiddependi minn avveniment futur, ma tiddependix minn avveniment inċert, għaliex il-fatt tar-rilaxx, għad li hu inċert dwar iż-żmien li sejjer isir, huwa ċert fih innifsu; si tratta, kwindi, ta' obligazzjoni soġġetta għal terminu, kif għidu l-awturi, "certus an, incertus quando" — figura din preveduta anki fil-liġi (art. 1113 (2) tal-Kodiċi Ċivili); b'mod illi l-obligazzjoni ġuridikament teżisti, biss hu differit iż-żmien tal-eżekuzzjoni tagħha (art. 1114 Kod. ċit.);

Issa, ladarba l-obligazzjoni tal-atturi għall-ħlas taċ-ċens hija ċerta, huma ma jistgħux jippretendu illi l-ħlas minnhom magħmul ma kienx la ċivilment u lanqas naturalment dovut, u konsegwentement mhix ammessa r-ripetizzjoni

ta' dak il-ħlas bħala indebitu. "Mentre pende il termine", jinnota Giorgi, "rimane sospesa l'esecuzione del contratto, che altrimenti dovrebbe subito effettuarsi. Non è però sospesa l'esistenza giurdica dell'obbligazione. Certo è il diritto del creditore, certo l'obbligo del debitore; soltanto ne sono differiti i giuridici effetti......" U minn hawn Giorgi jikkonkludi illi "se il debitore paga spontaneamente prima della scadenza, non è, all'opposto del creditore condizionale, ammesso a ripetere l'indebito" (Obbligaz. Vol. IV, para. 397, paġ. 491 u 493). Liema insenjament huwa konformi għall-prinċipju enunċjat fid-Dritt Ruman:— "Sic et in idem debitor si ante diem solvet non potest repetere, quia certus est dies futurus quo debebitur" (L. in diem, Dig. de cond. indeb.);

Illi, mbgħad, wieħed mir-rekwiżiti tal-indebitu huwa l-iżball fis-"solvens" — ħaġa din li ma ġietx adegwatament pruvata mill-atturi, li milli jidher ħallsu meta kienu jafu li l-gabillott kien għadu jokkupa l-art u kien jinsisti biex iħallas il-qbiela. Għalhekk hu applikabbli dak li ġie affermat minn din il-Qorti fil-kawża "Farrugia vs. Grixti", deċiża fis-6 ta' Mejju 1881, illi "per farsi luogo a ripetizione d'indebito è indispensabile l'errore in chi pagò; nè basta che la legge negasse l'azione al creditore, o soccorresse di accezione il debitore per non adempire l'obbligazione, una volta che costui l'avesse adempita, sapendo di essere debitore" (Kollez. IX, 415);

Illi lanqas ma jistgħu l-atturi (kieku anki kienu jistgħu proċeduralment jagħmluħ billi jbiddlu l-kawżali taċ-ċitazzjoni) jinvokaw l-art. 1190 Kod. Ċiv.; għaliex jibqa' dejjem veru li l-ħlas kien dovut minnhom in forza ta' obligazzjoni vera u proprja (Kollez. XXVI-I-83);

Illi, "rebus sic stantibus", ma hemmx bżonn li jiġu nvestiti l-eċċezzjonijiet l-oħra opposti mill-konvenuti;

Rat in-nota tal-appell tal-atturi, u rat il-petizzjoni tagħhom, fejn talbu li s-sentenza fuq imsemmija, mogħtija mill-

Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Ġunju 1956, tiġi revokata, billi tiġi milqugħa t-talba tagħhom; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher, tant mill-att taċ-ċitazzjoni kemm mill-petizzjoni tal-appell, l-azzjoni eżerċitata fl-ewwel lok mill-appellanti hija dik tar-ripetizzjoni tas-somma ta' flus li huma jippretendu li ħallsu ndebitament lill-konvenuti. Jingħad, qabel xejn, illi, kif ġie ritenut minn din il-Qorti (Vol. XI, paġ. 433; u Vol. XXVI-I-83), fid-dispożizzjonijiet relattivi għar-ripetizzjoni tal-indebitu l-leġislatur patriju, għad-differenza tal-Kodiċi Franċiż u Taljan, adotta l-insenjament tad-Dritt Ruman; u konsegwentement huma l-prinċipji ta' dak id-Dritt li għandhom jiġu applikati b'riferenza għall-kommenti relattivi;

Ikkunsidrat;

Illi mill-konfront tal-art. 1064 u 1065 tal-Kodiċi Ċivili jidher li min jirċievi jista' jagħmel hekk tant xjentement kemm bi żball, iżda min iħallas għandu jkun bilfors fi żball, biex tista' lilu tikkompeti l-azzjoni tar-ripetizzjoni ta' dak li jkun ħallas indebitament. Hu evidenti li l-fondament tal-azzjoni ta' indebitu huwa l-iżball f'min ikun ħallas; liema żball ma għandux jipprofitta minnu min ikun irċieva l-ħlas, skond il-massima ta' ġustizzja naturali "jure naturae aequum est neminem cum alterius detrimento fieri locupletiorem" (De Regulis Juris, L.206). Iżda, jekk ma ssirx il-prova ta' dak l-iżball fis-"solvens", u b'mod speċjali jekk ssir il-prova li dak is-"solvens" kien jaf biċ-ċirkustanzi li mħabba fihom hu ma kienx tenut għall-ħlas, allura ma għandux id-dritt għar-ripetizzjoni ta' dak li ħallas, għaliex "indebitum solutum sciens non recte repetit" (L.9, Con-

dict. indeb.). F'dan il-każ, min ikun ħallas ma jkollux raġun jilmenta, u "imputet sibi" jekk kellu xi dannu (Touillier, Vol. VI, no. 62; Laurent, Vol. XX numri 341, 352, 353, 354; u Duranton, Vol. VII, numru 677 et seq.);

Ikkunsidrat;

Illi, in bażi għall-liġi u għad-dottrina fuq enunċjata, il-pretensjoni tal-appellanti tidher destitwita minn kull fondament. Infatti, mhux verosimili li l-appellant Tonna, meta ħallas, ma kienx jaf bil-klawsola li kien hemm fil-kuntratt, relattiva għal meta kellu jibda jsir il-ħlas taċ-ċens; u mill-istess depożizzjoni ta' Tonna (fol. 26) jirriżulta li l-appellanti daħlu fil-fond, u bdew iħaffru u neħħew il-ħamrija, ftit żmien wara li sar il-kuntratt. Dana l-kuntratt sar fl-20 ta' Settembru 1949, u, kif jidher mir-riċevuta fil-fol. 4 tal-proċess, l-appellanti bdew iħallsu mill-1 ta' Ġunju 1950. U dana evidentement għaliex qabel din l-aħħar data huma daħlu fil-fond u għamlu fih ix-xogħolijiet fuq imsemmija, u ħassew li, skond l-obligu minnhom assunt fil-kuntratt enfitewtiku, kien wasal iż-żmien li huma jibdew iħallsu ċ-ċens miftihem. Fi kwalunkwe każ, apparti minn dak li ntqal fuq, il-Qorti tħossha soddisfatta li ma saretx il-prova neċessarja tal-iżball fis-"solvens", u għalhekk ma tistax tikkompeti lill-appellanti l-azzjoni minnhom eżerċitata. Konsegwentement l-appell ma jistax jiġi milqugħ, u għandu jiġi respint;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-atturi appellanti.